IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : birgu.lc@gov.mt    website : www.birgu.gov.mt

## Minuti tal-Kontinwazzjoni tal-Laqgha Numru 8 (07)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Kontinwazzjoni tal-Laqgha Numru 8 (07) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar it-28 ta' Settembru, 2015 fis-5:45 ta' filghaxija.

## Prezenti

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, Kunsilliera: Is-Sinjuri Lawrence Attard, Anton Gellel u Eman Zerafa
Is-Segretarju Ezekuttiv: Is-Sjra Tania Belfiore

## Talba

Il-Laqgha bdiet fil-hamsa (5:30pm) ta` wara nofsinhar. Is-Sindku qal it-talba u taha bidu ghall-kontinwazzjoni tal-Laqgha numru 8 (07).

## Korrispondenza

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, pogga fuq il-mejda tal-Kunsill il-korrispondenza hekk kif inhi mnizzla hawn taht.

- Korrispondenza minghand il-kumpanija ta' Periti (X,Y,Z) Architecture and Design – qeghdin jitolbu clearance/no objection letter minghand il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghall-proposta ta' estensjoni ta' platform tal-injam fuq il-bankina quddiem il-kazin tal-Partit Laburista tal-Birgu, u li saret mill-istess kazin lill-awtoritajiet kollha koncernati. Il-Kunsilliera kollha prezenti approvaw unanimament din il-

proposta u ma jsibu l-ebda ogezzjoni diment li jinhargu l-permessi kollha mehtiega mill-awtoritiajiet kompetenti. Is-Sindku talab lis-Segretarju tal-Kunsill sabiex tinforma lill-kumpanija tal-perit bl-approvazzjoni unanima tal-membri kollha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

- Korrispondenza minghand is-sidien tal-Julesy's bnb li tinsab Bormla – il-Kunsill ircieva talba mis-sidien ta' din il-guesthouse sabiex jinghataw permess jirreklamaw l-istabbiliment taghhom fuq tabella mar-roundabout ta qrib Cafe Riche. Wara li giet diskussa din it-talba, il-membri tal-kunsill qablu unanimament li jaghtu dan il-permess, bil-kundizzjoni li s-sidien ihallsu ghal kull reklam €50 fis-sena bil-quddiem kif ukoll li t-tabella/i jkunu konformi ma dawk ezistenti.

- Rapport Finanzjarju ta' Nofs is-Sena tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ppreparat mill-Accountants tal-Kunsill.

- Proposta sabiex il-Kunsill jidhol f'progett Interreg Mediterranean Framework 2014-2020 li li jinvolvi turizmu sostenibbli. Is-Sindku, filwaqt li nforma lill-kunsilliera li dan kien progett li wiehed m'ghandux jitlef, ippropona li l-Kunsill ghandu juri show of interest. Il-bqija tal-membri tal-Kunsill qablu unanimament mal-proposta tas-Sindku.

- Korrispondenza mid-DLG rigward 2 kompetizzjonijiet – European Mobility Week, Do it Right Mix Campaign 2015 fejn hemm involuti diversi ministeri u entitajiet pubblici. Min jirnexxielu jirbah il-kompetizzjoni jinghata grant ta' €2,000. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tiehu l-passi mehtiega halli l-kunsill jidhol fil-kompetizzjoni.

- Korrispondenza mid-DLG fejn baghtu l-lista tal-kunsilli li nformaw lid-dipartiment bl-inizjattiva taghhom li jtellghu attivita' kulturali fix-xahar ta' Dicembru. Il-lokalita' tal-Birgu ma kienetx inkluza f'din il-lista. Is-Seg. Ezekuttiv fakkret lis-Sindku li hi staqsietu aktar minn darba x'kien isir fis-snin precidenti fix-xahar ta' Dicembru u x'ghandu ppjanat li jsir. Intant, il-Kunsillier Gellel issugerixxa li jekk jerga' jkun hemm kaz simili, kopja tal-korrispondenza li tirrigwarda xi suggett partikolari, ghandha tinbaghat lil-kunsillier li ghandu r-responsabilta tas-suggett rispettiv.

- Korrispondenza mill-MEPA li intbaghtet lil Perit Claude Busutil, liema korrispondenza gie kkupjat il-Kunsill Lokali tal-Birgu. Din il-korrispondenza tirreferi ghat-tieni applikazzjoni li saret f'isem il-Klabb tar-Regatta. L-ewwel wahda kienet giet michuda.

- Progett LIFE 15 – Is-Sindku informa lill-membri prezenti tal-Kunsill li dan il-progett jinvolvi riservwars tal-ilma u li fil-Birgu hemm sitta minnhom. Is-Sindku kompla jghid li ghal dan il-progett tkun ideja tajba li tigi nvoluta l-Universita' ta' Malta. Is-Segretarju Ezekuttiv intervjeniet bl-approvazzjoni tal-kunsill, billi talbet lis-Sindku biex qabel jigi ffirmat il-ftehim wiehed kellu jitlob parir legali sabiex il-Kunsill ikollu stampa aktar cara x'hinu l-involviment finanzjarju ghaliex fuq id-dokument tal-ftehim hemm mnizzel li l-ammont globali li l-kunsill irid johrog biex jigi mplimentat il-progett huwa stmat li jkun ta' €166,251. Wara li saret diskussjoni fuq dan il-progett, intlahaq ftehim li l-ghada stess is-Segretarju Ezekuttiv titlob parir minghand l-avukat tal-kunsill.

- Korrispondenza minghand Glenn Agius, f'isem is-Sezzjoni Zaghzagh Palmisti sabiex jinaghtaw post alternattiv fil-pjazza minn dak tas-snin precidenti. Dan ghaliex il-post li okkupaw fis-snin qabel, cioe' mal-hajt tal-Ufficcju tal-Festa qieghed isir restawr tal-faccata. Saret diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill dwar post alternattiv li seta' jinghata lis-Sezzjoni Zaghzagh Palmisti.

**<u>Birgufest 2015</u>**

Giet diskussa fid-dettal dinl-attivita' ewlenija tal-lokalita' tal-Birgu.

Is-Sindku beda informa li ghalkemm l-preparazzjonijiet ghal din l-attivita' inbdew, kien ghad hemm hafna affarijiet li jridu jsiru u jittiehdu decizjonijiet fuqhom. Huwa sahaq ukoll li kien hemm min ma kienx qieghed jaghmel l-almu tieghu sabiex isiru l-preparamenti kollha mehtiega. Huwa spjega li kien qieghed jaghmel minn kolox sabiex jingabru d-donazzjonijiet minn entitajiet li dejjem taw kontribuzzjoni finanzjarja fis-snin precidenti. Informa wkoll lill-Kunsill li kien gie infurmat li l-prezz tax-xemghat ghola b'centezmu.

Intant, il-Kunsill Lokali tal-Birgu qabel unanimament b'dan ir-regoli msemmija hawn taht.

- <u>Stands</u>

trid tinghata struzzjoni lil kull min kien ser jarma stand u jsir ftehim bil-miktub li jekk wiehed jikser kull struzzjoni li tohrog minn naha tal-kunsill, jitilef id-depositu u ma jergax jinghata c-cans li jippartecipa.

Min ma kien ghamel subletting is-sena li ghaddiet, irid ihallas donazzjoni ta' €200 ghal-istand, €100 depositu rifundabbli f'kaz li jhalli hmieg u zjut warajh, kif ukoll €200 depositu rifundabbli wkoll fil-kaz li

l-individwu jinqabad jikri l-istand minghajr il-permess tal-kunsill.

Min jiddeciedi li jaghmel subletting irid javvicina u jaghmel ftehim alternattiv mal-kunsill.  Wara li saret diskussi dwar dan is-suggett, intlahaq qbil unanimu mill-membri kollha tal-kunsill li min jaghmel subletting tal-istand irid jaghti b'donazzjoni  lill-kunsill is-somma ta' €350 kif ukoll depositu rifundabbli ta' €100, f'kaz li jhalli jhalli il-hmieg u z-zjut warajh.

Issir laqgha mal-ghaqdiet sabiex il-Kunsill jistabbilixxi min kellu l-hsieb li jaghmel subletting, kif ukoll laqgha mal-individwi li jikru l-post tal-istand minghand min kien hadhom originarjament sabiex il-Kunsill ikollu informazzjoni korretta fuq min kien ser jikri kif ukoll il-prezz ezatt ta' kemm kienet ser titwella' l-istand.

- <u>Kwotazzjonijiet tal-Palk</u>

Is-Sindku gharraf lill-kunsilliera li l-kwotazzjonijet kienu ingabru u kien hemm il-bzonn li tittiehed decizjoni.

Rigward il-palk li kellu jintrama fil-post maghruf bhala *'Fejn Betty'*, is-Sindku gharraf lill-Kunsill li hemm il-hsieb li jigi kkuntattjat is-Sur Norman Hill.

- <u>Tisjir ta' Ikel</u>

Ma jinghatawx permessi biex isir tisjir ta' majjal fil-pjazza, ghalkemm jista' jkun il-kaz li jinghataw permessi f'toroq ohra.

Il-Kunsillier Eman Zerafa ippropona li min jixtieq li jkollu ghal bejgh il-majjal, dan irid ikun msajjar u lest minn qabel.

Il-membri kollha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu qablu b'mod unanimu mal-proposta tal-Kunsillier Zerafa.

- <u>Park and Ride</u>

Is-Sindku gharraf lill-membri tal-Kunsill prezenti li ser ikun hemm is-servizz tal-park and ride mill-Kalkara, minn Haz-Zabbar u minn Kordin, Rahal Gdid.  Ser ikun hemm ukoll servizz tal-lanca mill-Belt u mill-Isla  lejn il-Birgu u lura.

<u>Dwal Waqt il-BirguFest</u>
Gie diskuss fid-dettal fejn kien ser jithalla' mixghul waqt is-serata tal-Birgu by Candle Light.

---

**Referendum tat-Torri tal-Arlogg**

Sar qbil unanimu mill-membri kollha tal-kunsill li dan is-suggett jigi diskuss f'laqgha ohra.

**AGGORNAMENT**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u ghoxrin minuta ta' filghaxija (8:20pm).

Id-data tal-Laqgha 9 (7) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ser tigi stabbilita' aktar il-quddiem minhabba l-impenji li l-membri kollha tal-Kunsill ser ikollhom fl-attivitajiet tal-Birgufest 2015.

____________________ ____________________

Tania Belfiore
Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfemati
John Boxall
Sindku

Approvati, illum.......................................................................